MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 122/2003

Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) hekk kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-Ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dominic Farrugia u l-istess Dominic Farrugia

vs

Jeffrey Attard

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Is-somma ta' Lm855.30 mitluba permezz ta' dawn il-proceduri tirrapprezenta danni kagunati mill-konvenut lill-atturi in konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Jannar 2003 fi Triq Fortunato Mizzi, Ghawdex, fejn il-konvenut Jeffrey Attard filwaqt li kien qed isuq il-vettura ABD-284 habat fil-vettura DAB-885 di proprjeta' ta' Dominic Farrugia u assigurata mas-socjeta' attrici.

L-imsemmi incident stradali sehh unikament tort ta' negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenut.

Il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx minkejja li gie interpellat ripetutament sabiex ihallas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-konfront ta' l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 ta' Malta u bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta:

"Il-konvenut jammetti illi huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura di proprjeta' ta' l-attur Dominic Farrugia, b'danakollu fil-mument ta' tali impatt, l-imsemmija vettura di proprjeta' ta' l-attur kienet diga' mahbuta ma' vettura ohra bin-numru IFW 300, b'dan illi l-konvenut huwa responsabbli biss ghall-hsarat minimi sofferti fin-naha ta' wara tal-vettura di proprjeta' ta' l-attur Dominic Farrugia, u ghall-ebda hsarat ohra.

Illi dan il-fatt diga' gie komunikat ripetutament lill-atturi, u ghalhekk, f'kull kaz, il-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez tal-prezenti."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta li l-habta sehhet kif sejjer jinghad: Charles Mercieca kien qieghed isuq Ford Escort fi Triq Fortunato Mizzi Victoria, Ghawdex fid-direzzjoni tal-Imgarr u, billi kellu l-intenzjoni li jikser ghal go triq laterali fuq in-naha tal-lemin tieghu, huwa xeghel l-indicator u waqaf fin-nofs tat-triq sabiex ikun jista' jaqsam meta jghaddu l-karozzi li kienu ghaddejjin mid-direzzjoni opposta. L-attur, li kien qieghed isuq wara Mercieca, waqaf ukoll, u halla distanza ta' cirka metru bejn il-vetturi rispettivi. Il-konvenut, li kien gej wara l-attur baqa' diehel minn wara fuq il-konvenut li

min-naha tieghu bl-impatt baqa' diehel fuq Mercieca. Huwa evidenti ghalhekk li ghall-hsarat huwa responsabbli biss il-konvenut.

Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' LM855.30 bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------